# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd
It-III Ħadd tal-Avvent
Sena B

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-Tielet Ħadd tal-Avvent, fejn ser naraw biċ-ċar li l-Mulej hu fil-qrib, u dan permezz tal-użu tal-kulur roża li jissimbolizza l-ferħ. Għalhekk, il-Knisja tħeġġiġna sabiex nifirħu għax il-Mulej hu tassew fil-qrib.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 61, 1-2a.10-11)
Il-profeta Isaija jgħidilna li l-miġja ta' Alla ser iġġib magħha ferħ u hena li jsalvaw lill-bniedem.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Lq 1,46-48.49-50.53-54)
Taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.

**It-Tieni Qari** (1 Tess 5, 16-24)
Fl-ittra li ser nisimgħu, San Pawl iħeġġeġ għall-għixien ta' ħajja tajba għax il-miġja ta' Alla hi tassew fil-qrib.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 1, 6-8.19-28)
Ġwanni l-Battista jikkonfronta lill-qassisin u l-Leviti u jurihom li dak li ġej warajh hu tassew il-Mulej.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
L-għixien tal-fidi jitlob ħidma kontinwa. Inressqu għalhekk il-ħidmiet tagħna f'riġlejn l-artal.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Alla huwa dak li jagħtina s-saħħa biex naffrontaw l-esperjenzi tal-ħajjiet diversi tagħna. Huwa d-dmir tagħna li nfittxu li nsostnu ruħna biH, u dan nagħmluh bit-Tqarbin.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.